MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta' Settembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**Marine Dzamsashvili**
**(Passaport mill-Georgia bin-numru 17AA05426)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Marine Dzamsashvili** talli fil-25 ta' Settembru 2018 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer jew barra minn Malta, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nfisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz lill-Agenzija Identity Malta (Kap. 9, Art. 188 tal-Liġijiet ta' Malta);

Akkuzata wkoll talli fl-istess data u cirkostanzi ffalsifikat, biddlet jew għamlet xi tibdil f'dokument jew kellha fil-pussess tiegħha xi dokument li hi kienet li

ġie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih, u cioè kellha fil-pussess taghha passaport tal-Georgia mahrug fuq isimha stess bin-numru 17AA05426 li kellu timbri tal-immigrazzjoni foloz (Kap. 61, Art. 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

Akkuzata wkoll talli fl-istess cirkostanzi, tat jew ġiegħlet li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta);

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti tatha zmien biex tikkonsidra l-istess ammissjoni;

Semghet lill-prosekuzzjoni u lid-difiza jitrattaw dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha u ghalhekk din hija sodisfacentement ippruvata;

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata u wkoll illi l-imputata tista' tigi ripatrijata gewwa art twelidha;

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32 (1) (c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tiddikjara lill-imputata **Marine Dzamsashvili** hatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal **sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin mil-lum.**

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba’ (4) snin mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur